31 ta' Marzu, 1952.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *A/President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Saverio Farrugia *versus* Eugenio Borg ne.

## Spoll — Leġittimità tal-Pussess jew Detenzjoni.

*F'materja ta' azzjoni ta' spoll ma tistax tiġi permessa ebda eċċezzjoni qabel ma jiġi reintegrat l-ispoll. Konsegwentement, għal din l-azzjoni l-liġi ma tirrikjedix il-prova tal-leġittimità tal-pussess tal-persuna turbata, u takkorda r-reintegrazzjoni anki kontra l-possessur ta' mala fede u kontra l-istess proprjetarju tal-ħaġa li tagħha jkun ħemm il-pretensjoni li ġie kommess spoll. It-tribunal għandu jeżamina biss il-fatt tal-pussess jew detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll.*

*Però meta l-pussess ikun ekwivoku, u mhux manifest, il-ġudizzju ta' spoll jista' jiġi sospiż u t-tribunal jista' jidħol fil-meritu tal-leġittimità jew le tal-pussess jew detenzjoni pretiżi mill-attur.*

*Fil-każ preżenti, in bażi għal dawn il-prinċipji, l-Ewwel Qorti daħlet fil-meritu tal-leġittimità jew le tal-pussess, u qatgħet illi pussess ma kienx hemm u illi għalhekk ma kienx hemm spoll. Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza ta' l-ewwel istanza fuq il-motiv illi l-Ewwel Qorti ma kienx imissha daħlet fil-meritu tal-leġittimità*

*jew le tal-pussess, billi ma kienetx tirriżulta dik l-ekwivoċità tal-pussess jew detenzjoni.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-attur, wara illi ppremetta illi huwa kera lill-konvenut nomine parti mid-dar nru. 35A, Triq it-Torri, il-Qrendi, biex dina tiġi adibita bħala sedi fejn tiġi esplikata l-attività tal-M.U.S.E.U.M.; u illi kien irriżerva għalih diversi ambjenti, fejn ħalla l-mobbli; u illi huwa (l-attur) kien jisserva bid-W.C. komuni kull darba li kien imur joqgħod fil-post; u illi l-konvenut arbitrarjament, mingħajr il-kunsens u bil-moħbi ta' l-attur, sakkar bil-katnazz l-imsemmi W.C., b'mod li l-attur ma jistax aktar jagħmel użu minnu, u b'hekk ikkaġuna spoll vjolent għad-dannu ta' l-attur; talab illi l-konvenut ikun kundannat, fi żmien qasir u perentorju, jerġa' jiftaħ l-imsemmi W.C. u jirrendih aċċessibili għall-attur, u fin-nuqqas l-attur, biex jiġi reintegrat fid-dritt tiegħu fuq riferit, ikun awtorizzat jiftaħ l-istess bieb a spejjeż tal-konvenut nomine u inattiża l-oppożizzjoni tiegħu. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tal-25 ta' April 1951, kontra l-konvenut nomine;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-22 ta' Ġunju 1951, li biha ġiet respinta t-talba ta' l-attur u ġie ordnat li l-ispejjeż jitħallsu bin-nofs bejn il-kontendenti; wara li kkunsidrat;

*Omissis;*

Illi għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni ta' spoll privileġġjat jeħtieġu tliet rekwiżiti, li wieħed minnhom huwa dak tal-pussess. Hemm dan ir-rekwiżit tal-pussess ukoll meta l-ispoljat għandu s-sempliċi detenzjoni; u dan ukoll jekk dina d-detenzjoni tkun prekarja (Kollez. Vol. VI, 129; X, 779; XVIII—II—213). Għalhekk, għalkemm hu ċar li l-attur ma kellux dritt li jagħmel użu mid-W.C. bil-mod li, kif igħid hu, huwa għamel, jiġifieri li jużah biex jitfa fih materjal rimanenti minn ħasil ta' affarijiet, u mhux biss, se maj, dak ordinarju, u fil-ħin li jkun fil-fond waqt li jkun jinvista l-mobbli, strettament l-attur, għad li b'mod illegali, ġie fil-pussess ta' dak id-W.C., għaliex għamel użu minnu. U għalhekk, meta l-

konvenut sakkar il-bieb tad-W.C., gie ikkommetta spoll b'dannu ta' l-attur;

Illi, kif tajjeb issottometta l-attur, f'materja ta' azzjoni ta' spoll ma tistax tigi permessa ebda eċċezzjoni qabel ma jigi reintegrat l-ispoll, għaliex "spoliatus ante omnia restituendus" (Vol. XXI—I—488; XXIII—II—83); u dana għaliex din l-azzjoni hija ta' ordni publiku u hija intiża li tipprojbixxi li wieħed jagħmel gustizzja b'idejh u mingħajr intervent tat-tribunal (Vol. XXIII—II—54). Konsegwentement, għal din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-leġittimità tal-persuna tal-possessur turbat, u takkorda r-reintegrazzjoni anki kontra l-possessur in mala fede u kontra l-istess proprjetarju tal-ħaġa li tagħha jkun hemm il-pretensjoni li gie kommess spoll. It-tribunal għandu jeżamina biss il-fatt tal-pussess jew detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll (Vol. XXXII—I—451);

Illi, però, gie deċiż illi hemm każ meta l-gudizzju ta' spoll jista' jigi sospiż, u dan hu meta l-pussess ikun ekwivoku u mhux manifest; u dan għaliex allura tkun tonqos il-konkorrenza ta' wieħed mill-elementi li trid il-ligi għall-eżerċizzju ta' din l-azzjoni (Vol. X, 55; XXI—I—489). U f'dan il-każ jidher li l-użu tad-W.C. minn naħa ta' l-attur kien ekwivoku, għaliex ma weriex kif u għal liema skop kien qiegħed jużah; u kien ukoll klandestin, għaliex l-attur qatt ma mmanifesta dak l-użu. L-attur qatt ma qal lill-konvenut li huwa kien qiegħed jorqod fil-post (fol. 13). Għalhekk f'dan il-każ it-tribunal jista' jidħol fil-meritu tal-leġittimità jew le tal-pussess jew detenzjoni pretiża mill-attur;

Illi, kif gà ntqal, kif jidher eżawrjentement mill-provi fil-kawża fuq imsemmija, u anki f'din il-kawża, l-attur, meta kera l-fond kollu lill-konvenut, gie mogħti minn dan ta' l-aħħar il-permess bħala "store" għal xi kmamar minnu, biex fihom iqiegħed il-mobbli li ma kellux fejn ipoggihom fil-fond fejn mar joqgħod. Konsegwentement l-attur ma ħax ma' dawk il-kmamar id-W.C., speċjalment biex jagħmel użu minnu bil-mod li, kif igħid hu, għamel;

Illi għalhekk it-talba ta' l-attur ma tirriżultax gustifikata;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu talab li l-imsemmija sentenza tigi riformata, billi

tiġi revokata fejn ċaħdet it-talbiet ta' l-attur u fejn akkollat lilu nofs l-ispejjeż tal-kawża, u tiġi konfermata fejn akkollat nofs l-ispejjeż l-oħra tal-kawża lill-konvenut, u b'hekk tiġi milqugħa l-istanza ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

***Omissis;***

Rat l-attijiet tal-kawża l-oħra fl-istess ismijiet maqtugħa mill-Ewwel Qorti fis-27 ta' Frar 1951, u dawk tal-kawża fl-ismijiet inversi li tinsab fil-lista tas-seduta tal-lum biex tiġi maqtugħa;

***Omissis;***

Ikkunsidrat;

Illi s-sentenza appellata, wara li kkonstatat u ammettiet il-kommissjoni da parti tal-konvenut nomine ta' l-ispoll lamentat bl-att taċ-ċitazzjoni, irriteniet li, billi l-pussess da parti ta' l-attur appellant tad-W.C. fl-istess ċitazzjoni msemmi kien ekwivoku u klandestin, il-Qorti setgħet tidħol fil-meritu tal-leġittimità jew le tal-pussess jew tad-detenzjoni pretiża mill-attur. U wara li għamlet hekk, waslet għall-konklużjoni li l-attur ma kellux jagħmel użu minn dak id-W.C. bil-mod li, kif igħid hu, għamel, u ċaħdet it-talba billi dehrilha li ma kienetx ġustifikata;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi li ġew imressqin, u speċjalment mix-xhieda ta' Emmanuele Farrugia (fol. 16), irriżulta li qabel ma l-konvenut nomine sakkar bil-katnazz id-W.C. fuq imsemmi, dan kien qiegħed jiġi wżat mill-appellant u mill-familja tiegħu, u bi xjenza ta' l-istess appellant nomine. Irriżulta li fil-*fond* hemm W.C. wieħed li hu fil-bitħa, u li l-appellant, martu u wliedu kienu, speċjalment fl-aħħar xhur qabel ma ġiet inizjata din il-kawża, ta' spiss jgħammru u jorqdu fl-imsemmi fond, u bilfors kellhom jużaw minn dak l-uniku lok komodu għall-bżonnijiet naturali tagħhom. Dak l-użu ma setax, għalhekk, kien ekwivoku, billi kien evidenti l-iskop tiegħu; *u lanqas* kien klandestin, għaliex ma kienx isir bil-moħbi, u kien magħruf lill-appellat nomine. Konsegwentement ma kienx leċitu għall-Ewwel Qorti li tidħol fil-meritu tal-leġittimità jew le tal-pussess jew detenzjoni ta' l-imsemmi W.C. da parti ta' l-appellant, u għandha sseħħ ir-regola

"*spoliatus ante omnia restituendus*" sančita mid-dispożizzjoni ta' l-art. 794 tal-Kodiči tal-Proċedura Ċivili. Dina r-regola hija dettata minn neċessità tal-manteniment ta' l-ordni publiku, billi hija intiża biex tipprojbixxi li wieħed, f'lok jirrikorri għat-tribunali, jagħmel ġustizzja b'idejh;

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet fuq miġjuba l-appell ta' l-attur jistħoqqlu jiġi milqugħ;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-appell, billi tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fit-22 ta' Ġunju 1951, u billi konsegwentement tilqa' t-talbiet miġjubin fl-att taċ-ċitazzjoni; u għall-finijiet ta' l-ewwel domanda tagħti lill-konvenut nomine erbgħa u għoxrin siegħa żmien. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-konvenut nomine.